

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Mejju 2007 —
Tsarnavas vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-343/04) ⁽¹⁾

(“Uffiċjali — Rapport ta’ evalwazzjoni — Diżabbiltà —
Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Rikors għal
kumpens — Inammissibbiltà”)

(2007/C 140/34)

Lingwa tal-Kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Vassilios Tsarnavas (Volos, Il-Greċja) (rappreżentanti:
N. Lhoëst u B. d’Orléans, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżen-
tanti: C. Berardis-Kayser u D. Martin, aġenti)

Suġġett tal-Kawża

Minn naħa, talba għal annullament tad-deċiżjoni ta’ l-evalwatur ta’ l-appell ta’ l-4 ta’ Awwissu 2003, li tistabilixxi r-rapport ta’ evalwazzjoni definittiv tar-rikorrent għall-perijodu bejn l-1 ta’ Lulju 1997 sat-30 ta’ Ġunju 1999, u min-naħa l-oħra talba għal kumpens għad-danni morali li r-rikorrent issubixxa minħabba dewmien sakemm tlesta r-rapport ta’ evalwazzjoni tiegħu u għal fastidju morali li tiegħu kien vittma.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) *Id-deċiżjoni ta’ l-evalwatur ta’ l-appell ta’ l-4 ta’ Awwissu 2003, li tistabilixxi r-rapport ta’ evalwazzjoni definittiv tar-rikorrent għall-perijodu bejn l-1 ta’ Lulju 1997 sat-30 ta’ Ġunju 1999, hija annullata.*
- 2) *Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.*
- 3) *Il-Kummissjoni hija ordnata tbatlha l-ispejjeż tagħha u nofs l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrent.*

⁽¹⁾ ĠU C 262 ta’ 23.10.2004

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' Mejju 2007
— Spanja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-99/05) ⁽¹⁾

(“*Sajd — Regolament (KE) Nru 494/2002 — Konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar — Bażi legali — Prinċipju ta’ non diskriminazzjoni — Obbligu ta’ motivazzjoni*”)

(2007/C 140/35)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju ta’ Spanja (rappreżentant: N. Díaz Abad, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżen-
tanti: T. van Rijn, F. Jimeno Fernández u S. Pardo Quintillán, aġenti)

Suġġett tal-Kawża

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/2002 tad-19 ta’ Marzu 2002 li jstabilixxi miżuri tekniċi addizzjonali għall-irkupru tal-ħażniet ta’ marlozz fis-subżoni ICES III, IV, V, VI u VII u t-taqsimiet ICES VIII, a, b, d u e (ĠU L 77, p. 8).

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Ir-Renju ta’ Spanja għandu jbatlha l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Kummissjoni.*

⁽¹⁾ ĠU C 144 tal-15.6.2007 (qabel kienet kawża C-165/02)

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Mejju 2007 —
Black & Decker vs L-UASI — Atlas Copco (Rappreżentazzjoni
tridimensjonali ta' biċċa għodda li taħdem bl-elettriku
safra u sewda)**

(Kawżi magħquda T-239/05, T-240/05, T-245/05 sa T-247/05, T-255/05, T-274/05 sa T-280/05) ⁽¹⁾

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedura ta’ oppożizzjoni — Terminu tal-proċedura ta’ oppożizzjoni — Trażmissjoni permezz tat-telefax — Ammissibbiltà — Indikazzjoni ċara tat-trade mark preċedenti — Regola 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95*”)

(2007/C 140/36)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: The Black & Decker Corporation (Towson, Maryland, L-Istati Uniti ta’ l-Amerika) (rappreżentanti: H. Carr, QC, u P. Harris, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*trade marks* u disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Atlas Copco AB (Stokkolma, L-Iżvezja) (rappreżentanti: R.Meade, barrister, u M.Gilbert, solicitor)

Suġġett tal-kawża

Tlettax-il rikors ippreżentat, rispettivament, kontra d-Deċiżjonijiet ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tad-19 ta' April (R 727/2004-1, R 729/2004-1, R 723/2004-1, R 730/2004-1 u R 724/2004-1), tas-27 ta' April (R 722/2004-1) u tat-3 ta' Mejju 2005 (R 788/2004-1, R 789/2004-1, R 790/2004-1, R 791/2004-1, R 792/2004-1, R 793/2004-1 u R 794/2004-1), relattivi għal proċeduri ta' oppożizzjoni bejn Atlas Copco AB u The Black & Decker Corporation.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 2) Ir-rikorrenti għandha tbatli l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 205 ta' l-20.8.2005.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' Mejju 2007 — Antartica vs L-UASI — Nasdaq Stock Market (nasdaq)

(Kawża T-47/06) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedura ta' oppożizzjoni — Talba għal trade mark Komunitarja figurattiva nasdaq — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti NASDAQ — Raġuni relattiva għar-rifjut — Reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament KE 40/94”)

(2007/C 140/37)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Antartica Srl (Ruma, L-Italja) (rappreżentant: E. Racca, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*trade marks* u disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord ta' l-Appell tal-UASI intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: The Nasdaq Stock

Market, Inc. (Washington, DC, L-Istati Uniti) (rappreżentanti: J. van Manen u J. Hofhuis, avukati)

Suġġett tal-kawża

Rikors għal annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' Appell tal-UASI tas-7 ta' Diċembru 2005 (kawża R 752/2004-2), dwar proċedura ta' oppożizzjoni bejn The Nasdaq Stock Market, Inc. u Antartica Srl

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Antartica Srl hija ordnata tbatli l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 74 tal-25.3.2006

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' April 2007 — SID vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-30/03) (¹)

(“Għajnuna mogħtija mill-Istat — Deċiżjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Kunċett ta' interessat — Sindakat ta' ħaddiema”)

(2007/C 140/38)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Specialarbejderforbundet i Danmark (SID) (Kopenhaġen, Danimarka) (rappreżentanti: P. Bentley, QC, A. Worsøe u F. Ragolle, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: inizjalment H. van Vliet, u wara N. Khan, aġenti)

L-intervenjenti li jsostnu lill-konvenuta: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentant: J. Molde, aġent) u r-Renju tan-Norveġja (rappreżentant I. Høyland, aġent)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2002) 4370 finali, tat-13 ta' Novembru 2002, li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-miżuri fiskali Daniżi applikabbli lill-baħrin impjegati fuq vapuri mniżżla fir-reġistru internazzjonali Daniż.